MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Numru. 996/2013

Il-**Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Alan Ciantar, ta’ 40 sena, iben Natalino u Mary nee` Falzon, imwieled il-Pieta’ fl-4 ta’ Lulju 1973. Residenti fil fond Flat 2 San Gwann Tghuxa Block 2A Bormla, detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 318673(M).

Talli;

Fl-2013 gewwa dawn il-gzejjer, xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b`qerq, jew akkwistati b`reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew jmexxijhom, liema oggetti kienu jikkonsistu f'mobile tal-ghamla Samsung misruq minn go bettura mill-Qawra.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, din il-Qorti giet ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta’ Gudikatura Kriminali, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat illi l-oggett misruq kien gie ritornat lis-sid tieghu;

Rat illi sethget tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikolu 334 Tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssibb lill-istess imputat Alan Ciantar hati skond l-akkuzi dettota kontra tieghu u ghaldaqstant qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien  sitt (6) xhur, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------